MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

**It-Tnejn, 13 ta' Jannar, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**11.1.1** Is-Sindku nforma lill-membri li kien hemm ittri ta' apoloġija waħda dik tas-Sur Gianluca Falzon li kien indispost minħabba li jinsab imsiefer. F'dan ir-rigward is-Sur Falzon ġie skużat skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 11.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

**11.2.1.1** Minuti tal-10 Laqgħa ġew approvati unanimament.

### 11.2.2 Korrezzjonijiet

**11.2.2.1** Minuta 10.3.6 – "Carbott issir "Carabott"
Minuta 10.3.6 – "tħaħħil" issir "tħawwil"
Minuta 10.3.7 – tiżdied il-kelma "fejn" wara kordjali
Minuta 10.4.2 – "da" issir "dak"
Minuta 10.6.1 – tiżdied is-sentenza " Dr. Carabott ressaq riserva minħabba l-għelieqi tal-madwar."

## 11.3 Punti mqajma mill-minuti

11.3.1 Minuta 10.2.1.1 – Dott. Carabott irrimarka li kien hemm oġġezzjoni għall-Minuti tas-6 Laqgħa peress għaliex s-Segretarju Eżekuttiv kien ingħata direzzjoni informali li l-laqgħa tista' tkun irrekordjata. Is-Sindku rriferieh għas-Sitt Skeda.

11.3.2 Minuta 10.3.3 – Is-Sindku informa lill-membri li dwar il-kwotazzjoni għar-rivista , f' laqgħat preċedenti kien ġie approvat sabiex jinġiebu kwatazzjonijiet kemm għall-editjar u stampar separatament. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex issr riżoluzzjoni speċjali sabiex l-istampar u l-editjar isiru flimkien abbażi tal-fatt li l-Kunsill ma rċeviex il-kwotazzjonijiet kif rikjesti.

F'dan ir-rigward is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill kien irċieva tlett kwotazzjonijiet minghand Best Print €780 +5% VAT, Print Right €850 VAT inkluża u Gutenberg Press €850 mingħajr VAT.

Wara diskussjoni l-membri qalu li l-ipprintjar tar-rivista jsir għand Best Print minħabba li kienet l-irħas kwotazzjoni.

11.3.3 Minuta 10.3.5 – Is-Sindku informa lill-membri li l-*Fun Run* ser issir fis-26 ta' Jannar 2020 fejn, kif kien ġie deċiż f'laqgħat preċedenti ser jipparteċipaw il-Kumitat Festi Esterni għat-tiżjin fi Triq il-Kbira San Ġużepp u s-Socjeta' Filarmonika Santa Venera fejn dak inhar il-banda ser tkun qed iddoqq.

11.3.4 Minuta 10.3.8 – Is-Sindku talab lis-Sa. Farrugia sabiex tinforma lill-kamra dwar il-korsijiet Edukattivi. Sa. Farrugia nfurmat lill-membri li kien previst il-korsijiet ser issir hekk kif kien ġie komunikat fil-laqgħat preċedenti.

11.3.5 Minuta 10.3.10 – Is-Sindku informa lill-membri li l-kwistjoni tal-ilma li beda jidħol fuq *cables* tad-dawl fi Triq il-Brunżar ġiet riżolta minn naħa tal-Enemalta.

11.3.6 Minuta 10.3.11 – Is-Sur Kursten Dimech informa lill-membri li l-attivita' tal-festin għat-tfal għall-Milied kienet suċċess u kienet inġabret is-somma ta' €275.

11.3.7 Minuta 10.4.6 – Is-Sindku informa lill-membri li laqgħa mal-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u l-knis kienet ser issir fil-jiem li ġejjin. F'dan ir-rigward is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill kien irċieva rendikont mingħand il-Wasteserv fejn kien ukoll qiegħed jindika li sa Novembru 2019 kien hemm 5 darbiet fejn il-ġbir tal-iskart organiku kien naqas milli jkun depożitat ġewwa l-impjant tal-Wasteserv. Is-Sindku informa lill-membri li fil-laqgħa kien ser jinforma lill-kuntrattur sabiex jagħti spjegazzjoni.

11.3.8 Minuta 10.8 – Dott. Carabott talab għal iktar informazzjoni rigward il-kwotazzjonijiet li inġabru dwar ir-reklamar tal-attivita' Betlehem f'Santa Venera. Is-Sindku infurmah li ser jinġiebu dawn il-kjarifiki fuq dak li kien qiegħed jiġi rrimarkat aktar 'l quddiem.

**11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku.

**11.5 Rapporti/Korrispondenza**

11.5.1 Is-Sindku irrfera lill-membri dwar il-programm tal-Karnival li jikkonsisti f'madwar sagħtejn sħaħ ta' spettaklu bis-sehem ta' diversi Kumpaniji taż-żfin b'kostumi kkuluriti u grotteski.

Għal dan il-programm, Leon Promotions jieħdu ħsieb il-ko-ordinazzjoni kollha, transport kollu nvolut konness mal-Kumpaniji tal-Karnival, ħlasijiet kollha konnessi, servizz ta preżentatur, "PA System" u anke ko-ordinaturi meħtiega fuq il-post. Il-ħlas mitlub huwa ta' €795 Vat inkluża. Wara diskussjoni l-membri qablu li din l-attivita' issir fil-parkeġġ t'Apap Institute it-Tnejn 24 ta' Frar mil-4:00 ta' wara nofsinhar 'il quddiem.

11.5.2 Is-Sindku informa lill-membri dwar ittra li kien irċieva mingħand is-Sur Johann Cuschieri, wieħed mid-Diretturi tal-Kumpanija Standard Import and Export li jinsabu fi Triq il-Kanun. Is-Sur Cuschieri jinsab imħasseb dwar xogħolijiet li qed isiru fi Triq il-Kanun fil-viċinanzi ta' fejn qed joperaw huma fejn semma l-fatt dwar il-possibilta li parti minn Triq il-Kanun ser tiġi *one way* u għaldaqstant din taf tħalli impatt negattiv fuq l-istess negozju.

Wara diskussjoni bejn il-membri rrimarkaw li fejn qed isiru x-xogħolijiet, huma responsabbilta ta' Infrastruture Malta apparti l-fatt li l-Kunsill qatt ma ġiex notifikat li parti mill-istess Triq il-Kanun kienet ser tiġi *one way.*

11.5.3 Is-Sindku informa lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Noel Busuttil Naudi fejn qiegħed jitlob sabiex isiru *double yellow lines* bejn residenzi numri 32 u 33 fi Triq Giananton Vassallo minħabba li qed ikollu ostaklu ta' vetturi.

Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex issr applikazzjoni ma Transport Malta.

## 11.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**11.6.1 *Performance Appraisals***

Is-Sindku informa lill-Membri li l-*performance appraisals* ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

**11.6.2 Servizz ta' *Towing***

Is-Sindku spjega dwar il-ħtieġa li tinħareġ Espressjoni ta' Interess sabiex jinġibdu derelict vehicles li minkejja li jkollhom notifika mill-pulizija, dawn qed jibqgħu xorta fuq il-post u għaldaqstant qed jispiċċaw jokkupaw spazju bla bżonn apparti li qed jitkerrah l-ambjent.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil ma dak li ġie suġġerit.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx ippreżentati minuti tas-sotto-Kumitati

## 11.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati.

## 11.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 1063 sa 1125.

| | |
|---|---|
| 1063 | Logografix |
| 1067 | Ma tistax ssir |
| 1070 | Pulizija |
| 1071 | Xogħol sar diġa |
| 1087 | Talba trid titressaq lir-Reġjun Ċentrali |
| 1093 | Transport Malta |
| 1094 | Ma tistax issir |
| 1095 | Ma tistax isir |
| 1096 | Pulizija |
| 1097 | Ħaddiema Assenjati |
| 1098 | Issir Bye-law |
| 1100 | Tineħħa t-tabella u ssir CCTV |
| 1105 | Grima & Sons |
| 1110 | Ma tistax issir issa |
| 1113 | Hemm waħda eżistenti |
| 1114 | Intalbu l-permessi neċessarji |
| 1115 | Intalbu d-dokumenti neċessarji |
| 1116 | Transport Malta |
| 1120 | M'hemmx ħtieġa għaliha |
| 1121 | Contracts Manager |
| 1123 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 1124 | Isir ix-xogħol hekk kif mitlub fir-rapport |
| 1125 | Transport Malta |

## 11.10 Mozzjoni: Parkeġġi f'binjiet Governattivi u f'postijiet oħra

Is-Sindku stieden lil Dott. Carabott sabiex jippreżenta l-mozzjoni.

Wara diskussjoni is-Sindku qal li din il-mozzjoni hija replika għall-istess mozzjoni li kienet ġiet diġa preżentata mill-istess membru tal-Kunsill, Dott Carabott, fl-amministrazzjoni preċedenti. F'dan ir-rigward is-Sindku qal kulhadd jaf li bejn 2006 u 2008 kien is-Sindku stess li fil-lokalita ta' Santa Venera kien introduċa l-iskema tar-*Residential Parking* iżda wara 2008, meta kien inħatar Kunsill b'amministrazzjoni ġdida, din l-istess skema ġiet skreditata b'dannu għal istess residenti.

Is-sindku kompla billi qal li fl-2013 hu kien rega' għamel diskussjonijiet mal-Gvern Centrali sabiex din l-iskema teġa' tkun introdotta fil-loklalita' ta' Santa Venera iżda ġie nfurmat li din l-iskema ġiet sospiża wara inżident li kien inqala fil-lokalita' ta' tas-Sliema.

Is-Sindku qal li hu tul dawn is-snin li ilu fil-ħatra ta' Sindku għamel diversi tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni għal problema tal-parkeġġ fejn kien daħal f'diversi diskussjonijiet ma' Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet oħra fejn dawn tal-aħħar ma setgħux jaġevelow it-talbiet tagħna għal raġunijiet ta sigurta.

Is-Sindku qal li din l-problema tista' titaffa xi ftit meta jsir il-proġett tal-mini fejn ser jiżdiedu madwar 120 parkeġġ. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex issir reviżjoni tal-parkeġġ eżistenti għaliex hemm lok sabiex jiżdied xi ftit il-parkeġġ.

Is-Sindku ressaq għall-vot dwar din il-mozzjoni fejn il-votazzjoni kienet kif ġej:

Tlett (3) voti favur
Tlett (3) voti Kontra

F'dan l-istadju s-Sindku kell juża il-*casting vote* u ivvota kontra din il-mozzjoni u għaldaqstant din il-mozzjoni m'għaddietx.

## 11.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Frar 2020, fis-6.30pm

Stephen Sultana — Michael Mifsud
Sindku — Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 3 ta' Frar, 2020